BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 04/12 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 2 ta' April 2012 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | - |

## ***AĠENDA -1***

Is-Sur J.Farrugia u s-Sur K.Barun aċċettaw il-kariga ta' Sindku u Viċi-Sindku rispettivament skont kif stipulat fil-liġi. Wara din l-aċċettazzjoni s-Sindku rringrazzja lill-Kunsillieri kollha talli ġew fil-ħin għal-laqgħa kif ukoll saħaq li fil-leġiżlatura kurrenti hemm bżonn ta' għaqda bejn il-Kunsillieri kollha, m'hemmx politika bħalma qatt ma kien hawn tul it-tmintax-il sena li serva bħala Sindku tal-lokal. L-għaqda bejn il-Kunsillieri dejjem sarrfet ta' ġid għal Birżebbuġa.

## ***AĠENDA -2***

Is-Sindku għadda sabiex jagħti d-delegi lill-Kunsillieri :

- Is-Sur Kevin Barun – Żgħażagħ, Għaqdiet Lokali, Sport u PRO
- Is-Sur Joseph Baldacchino – Finanzi, ICT, Xogħlijiet, Servizzi Soċjali u Saħħa
- Is-Sur Carmelo Cachia – Ambjent u Tindif ta' Postijiet Pubbliċi
- Is-Sinjura Bernardette Pace – Edukazzjoni, Kultura u Turiżmu u Attivitajiet Soċjali
- Is-Sur Charles Muscat – *Playing-fields*, Ġonna, *Enforcement* u *Civil Protection*
- Is-Sur Stanley Zammit – Settur Kummerċjali, Maniġġar tat-Traffiku u Dawl

***AĠENDA -3***

Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet sabiex jiġu mqassma dokumenti lill-Kunsillieri. Dokumenti li ser jigwidawhom tul il-ħidma tagħhom għat-tlett snin li ġejjin. Ukoll ingħatat informazzjoni ġenerali fuq il-Kunsill Lokali lill-Kunsillieri. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kamra li minħabba *deadline,* f'din il-laqgħa hemm bżonn li jiġu nominati żewġ rappreżentanti tal-Kunsill, sostitut u konsulent għall-Kunsill sabiex jagħmlu parti mill-*monitoring committee* skont Environmental Permit EP 0033/09/A. Il-Kamra unanimament qablet lis-Sindku u C.Cachia ikunu ż-żewġ rappreżentanti tal-Kunsill, is-sostitut ikun C.Muscat u bħala konsulent ikun hemm il-Perit Carmel Cacopardo.

***Għeluq***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fis-6.30pm. Seduta oħra ser issir nhar it-Tnejn, 16 ta' April 2012 fis-6.00pm.

.

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |